
SOFIA



Eduardo u Diego kienu ħbieb tal-qalb u joqogħdu fl-istess triq, tista' tgħid bieb ma' bieb. Kienu jmorru l-istess skola u kienu fl-istess klassi. U fil-klassi kont issibhom bilqiegħda ħdejn xulxin.



Kienu jagħlqu sninhom bejn wieħed u ieħor fl-istess żmien, u din kienet problema kbira għal Eduardo. Għax Diego kien ikollu l-iktar *party* tal-ġenn fl-univers, dejjem f'xi post differenti, filwaqt li tiegħu kien ikun dejjem l-istess u dejjem id-dar! Però din is-sena Eduardo kien konvint li se jirnexxilu jbiddel kollox. Kellu pjan f'moħħu u darba minnhom, wara l-iskola, baqa' sejjer ikellem lil ommu.

“Ma, is-Sibt li ġej il-*birthday* ta’ Diego! Sitta biss se jistieden għall-*party*, imma qalli li jien se nkun wieħed minnhom! Iġri jasal: se mmorru *paintball*, x’gost!” qal Eduardo.

“Fi x’ħin se jkun il-*party*? Tinsiex li f’nofsinhar miftehmin li mmorru nieklu għand in-nanna Mimì,” weġbitu ommu.

